MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 12(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Erbgħa, it-3 ta' Novembru 2010, fil-4.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni tal-Offerti għall-Kuntratti tal-Ġbir ta' Skart Goff, tat-Tindif tat-Toroq u tal-Manutenzjoni tas-Sinjali u Markeġġi tat-Toroq
6. Attivitajiet tal-Milied
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 11(2010) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Ma kien hemm xejn *arising* mill-Minuti.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar it-talba tas-Sur Edward Azzopardi, resident f'Triq Bir Rikka, il-Kunsill talab lis-Segretraju Eżekuttiv sabiex jinfurmah li l-bankina ta' quddiem il-bini ġdid fejn ġie joqgħod, għall-ewwel darba trid issir minn min żviluppa l-bini.

**4.3** Il-Membri kollha tal-Kunsill xtaqu jirreġistraw għall-Laqgħa għall-Kunsilliera tal-20 ta' Novembru 2010.

**4.4** Dwar it-talba ta’ Transport Malta għal konferma tat-toroq li għadhom qatt ma ġew mibnija, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat lista aġġornata ta’ dawn it-toroq.

**4.5** Dwar it-talba tas-Sur Lewis Grech għal ħlas ta’ danni kkawżati lill-karozza tiegħu minħabba sprall li ma kienx imwaħħal sew, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas €250 bħala kumpens.

## 5. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku

**5.1** Is-Sindku tkellem dwar id-diversi laqgħat li saru u għadhom qed isiru dwar l-organizzar tas-suq ta’ nhar ta’ Ħadd. Għal dawn il-laqgħat kienu qed jattendu uffiċċjali mill-Ministeru tal-Finanzi, tat-*Trade Licensing Unit*, tal-Pulizija, rappreżentanti tal-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa tas-Suq, il-Perit Zerafa Boffa tal-Works Division u Membri tal-Kunsill ta’ Marsaxlokk.

## 6. Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni tal-Offerti għall-Kuntratti tal-Ġbir ta’ Skart Goff, tat-Tindif tat-Toroq u tal-Manutenzjoni tas-Sinjali tat-Traffiku u Markeġġi tat-Toroq

### 6.1 Kuntratt tal-Ġbir ta’ Skart Goff

Il-Kunsill irċieva tliet offerti :

Emanuel Mizzi - €3.50 (VAT inkluż) kull ġabra, massimu ta’ 3 oġġetti
Ronald u Christopher Bezzina - €3.48 (VAT inkluż) kull ġabra, massimu ta’ 4 oġġetti
Claudio Anthony Aquilina - €3.50 (VAT inkluż) kull ġabra, massimu ta’ 4 oġġetti

Il-Kunsill unanimament aċċetta l-offerta ta’ Ronald u Christopher Bezzina peress li l-offerta tagħhom kienet l-orħos waħda u kienu l-aħjar attrezzati għal dan ix-xogħol. Il-kuntratturi kellhom ukoll bosta rakkomandazzjonijiet tajbin ħafna mingħand Kunsilli Lokali oħrajn.

### 6.2 Kuntratt tat-Tindif tat-Toroq

Il-Kunsill irċieva erbgħa offerti :

Ronald and Christopher Bezzina - €22,500 (VAT inkluż)
Anthony Lee Baldacchino - €45,600 (VAT inkluż)
Brian Borg and Ricky Caruana - €23,345 (VAT inkluż)
Paul Mifsud - €38,995 (VAT inkluż)

Il-Kunsill unanimament aċċetta l-offerta ta’ Ronald u Christopher Bezzina peress li l-offerta tagħhom kienet l-orħos waħda u kienu l-aħjar attrezzati għal dan ix-xogħol. Il-kuntratturi kellhom ukoll bosta rakkomandazzjonijiet tajbin ħafna mingħand Kunsilli Lokali oħrajn.

### 6.3 Kuntratt tal-Manutenzjoni tas-Sinjali tat-Traffiku u Markeġġi tat-Toroq

Il-Kunsill irċieva offerta waħda biss :

Koperattiva Tabelli u Sinjali – *Schedule of Rates* għal diversi prodotti u servizzi

Il-Kunsill unanimament aċċetta l-offerta ta' Koperattiva Tabelli u Sinjali għaliex il-Kunsill kien sodisfatt bix-xogħlijiet diversi li kienu twettqu f'Marsaxlokk minn din il-ko-operattiva.

## 7. Attivitajiet tal-Milied

**7.1** Peress li din is-sena kienu ġa saru diversi attivitajiet kulturali u mużikali, in-nefqa li kien hemm allokata għal dawn l-attivitajiet kienet ġa ntlaħqet.

**7.2** Rigward it-tiġieġ li fil-passat kienu jitqassmu bħala rigal tal-Milied lil Xlukkajri ta' 60 sena 'l fuq, ir-regolamenti l-ġodda dwar donazzjonijiet ma jippermettux li jitkomplu jsiru dawn l-għotjiet.

**7.3** Dwar ikla jew riċeviment ta' żmien il-Milied, il-Kunsill qabel li jiddeċidi liema ser jagħżel fil-laqgħa li jmiss.

## 8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

**8.1** Il-Kunsillier Cassar, issekondat mill-Kunsillier Grech, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Allied Newspapers | Avviż tat-Tenders | 167.97 |
| Anġlu Fenech - Fenech Store | Boroż taż-żibel għall-kenniesa, Ġunju - Sett 10 | 255.18 |
| Anġlu Fenech - Fenech Store | Provvisti tat-tindif, ħalib, kafe', eċċ., Ġunju - Sett 10 | 185.72 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Seminar - Committee of the Regions | 70.00 |
| B4 Textiles | Drapp, rods u rails, eċċ. għall-purtieri tal-Boardroom | 500.00 |
| Beta Centre | Żebgħa għall-Boardroom | 67.80 |
| Busy Bee Ltd | Gateau għaż-żjara tal-Kappillan il-ġdid | 50.00 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ Librerija,Ġunju, Lulju, Aww (118hrs @€5.83/hr) | 687.94 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann u petrol għall-mutur 04.10.10 (No 29) | 54.70 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann u petrol għall-mutur 20.10.10 (No 31) | 54.30 |
| Cettina Bonnici | Ħjata tal-purtieri tal-Boardroom | 365.00 |
| Cettina Bonnici | Bracket għall-purtieri | 13.50 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Sett 10 | 1206.97 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Sett 10 | 265.40 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Sett 10 | 606.18 |
| Commissioner of Inland Revenue | N.I. u PAYE Sett 10 | 1379.72 |
| Impjegati tal-Kunsill | Salarji tal-impjegati Sett 10 | 3905.54 |
| Impjegati tal-Kunsill | Salarji tal-impjegati Ott 10 | 3776.11 |
| Commissioner of Police | *Extra Duty* 03.10.10 | 32.65 |
| Cortis Timber | Injam u brackets għall-Internet Centre | 130.00 |
| Entertainment Solutions Malta | *Animation*waqt Talent Shoq 07.05.10 Jum M'xlokk | 200.00 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Sett 10 | 1030.75 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Ott 10 | 1030.75 |
| Foam & Leather | Rexene għas-siġġijiet tal-Boardroom | 63.00 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Sett 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Sett 10 | 58.23 |
| InServ | Boroż tal-plastik | 71.20 |
| GO | 21659555, Sett 10 | 48.34 |

| | | |
|---|---|---|
| GO | 21652525, Sett 10 | 213.09 |
| GO | 21650937, Sett 10 | 110.97 |
| GO | 21652392, Kera Ott 10 | 17.91 |
| GO | 21652218, Kera Ott u Nov '10 | 11.60 |
| G4S | *Cash-in-transit* Sett 10 | 22.83 |
| JJ Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet ghall-Banda 08.08.10 | 66.52 |
| Jason Gauci | Gazzetti Sett 10 | 80.16 |
| Jessica Caruana | Ftuħ Librerija, Aww, Sett u Ott '10 (70hrs @ €4.66/hr) | 326.20 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | 4 mirja | 418.00 |
| M G Pulis | Tiswijiet tal-pompa | 55.00 |
| mita | e-mail accounts ta' R Cassar u S Grech | 9.96 |
| mita | Wide area connectivity Oct - Dec '10 | 416.85 |
| Maltapost | Bolol | 76.00 |
| Mary Cachia | Kera 14.10.10 - 13.01.11 | 1300.00 |
| P Piscopo | Kiri ta' mwejjed għall-kors tal-komputer | 140.00 |
| Roc-a-go | Tneħħija u trasport ta' karrijiet 13.10.10 | 1374.33 |
| Rosello Cassar | 100 avviżi għall-karrijiet | 120.00 |
| Sigma Coatings | Zebgħa safra u thinner | 141.01 |
| Smart Office Supplies | Tiswijiet tal-laminator | 17.70 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 15.00 |
| Stefan Grech | *Format & Installation 500 Watt Psu* | 125.00 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 29.08.10 | 166.32 |
| Supreme Travel | Trasport għal tal-Banda Belġjana 08.08.10 | 212.40 |
| Ta' Kelin Confectionery | Soft drinks, galletti, dips għaż-żjara tal-Kappillan | 35.20 |
| Valley Pet Shop | Weedkiller u velenu tal-bebbux | 49.16 |
| Valley Pet Shop | Bexx għall-ħaxix ħażin | 41.80 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Ġunju '10 | 1834.83 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Lulju '10 | 1834.83 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Aww '10 | 1834.83 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Sett '10 | 1834.83 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' dawl u ilma Uffiċċju Amministrattiv, 20 Apr - 21 Ott 10 | 1059.16 |
| | **Total** | **€34217.78** |

**8.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**9.** **Affarjiet Oħra**

**9.1** Wara din il-laqgħa il-Kunsill kien ser jilqa' l-Kappillan il-ġdid ta' Marsaxlokk, Dun Mario Mangion.

**10.** Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**